Sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-13 ta' April 2010 — Esotrade vs UASI — Segura Sánchez (YoKaNa)

(Kawża T-103/06)

"Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva YoKaNa — Trade marks Komunitarja u nazzjonali figurattivi preċedenti YOKONO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009]"

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprjetarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah irreġistrata għal prodotti jew servizzi identiċi jew li jixxiebhu — Probabbiltà ta' konfużjoni mat-trade mark preċedenti (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(1)(b)) (ara l-punti 34, 43)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tal-10 ta' Jannar 2006 (Każ R 217/2004-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Antonio Segura Sánchez u Esotrade, SA.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Esotrade, SA
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark figurattiva YoKaNa għal prodotti fil-klassijiet 14, 18 u 25 — Applikazzjoni Nru 1600659

Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Antonio Segura Sánchez
Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:	Trade marks figurattivi Komunitarja u Spanjola YOKONO għal prodotti fil-klassijiet 25 (Nru 1099356) kif ukoll 18, 25 u 39 (Nru 336750)
Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħa parzjalment u applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda għal ċerti prodotti fil-klassijiet 18 u 25
Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:	Appell miċħud

Dispożitiv

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Ir-rikorrenti hija kkundannata għall-ispejjeż.

Digriet tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tat-13 ta' April 2010 — Diputación Foral de Álava et vs Il-Kummissjoni

(Kawżi magħquda T-529/08 sa T-531/08)

"Rikors għal annullament — Għajnuna mill-Istat — Vantaġġi fiskali — Irkupru ta' għajnuna mill-Istat iddikjarata illegali — Applikazzjoni tas-sistema tal-interessi komposti — Att konfermattiv — Inammissibbiltà"